C/2024/2259

19.3.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11445 – CARLYLE / GTCR / RESONETICS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/2259)

1. Fit-12 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— The Carlyle Group, Inc. ("Carlyle", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— GTCR LLC ("GTCR", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Regatta Laser Holdings, LLC ("Resonetics HoldCo", l-Istati Uniti tal-Amerika), fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata minn GTCR. Regatta Laser Holdings, LLC hija l-kumpanija azzjonarja ta' Resonetics LLC u Resonetics Swiss Holdings GmbH, flimkien mas-sussidjarji rispettivi tagħhom ("Resonetics", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Carlyle u GTCR se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Resonetics.

Il-konċentrazzjoni titwettaq b'mezzi kuntrattwali.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Carlyle hija maniġer tal-assi alternattivi globali, li timmaniġġja fondi li jinvestu globalment fi tliet dixxiplini ta' investiment: (i) Ekwità Privata Globali (inklużi fondi ta' ekwità privata korporattiva, proprjetà immobbli u riżorsi naturali); (ii) Kreditu Globali (inkluż kreditu likwidu, kreditu illikwidu u kreditu tal-assi reali); u (iii) Soluzzjonijiet ta' Investiment (programm ta' fond ta' fondi ta' ekwità privata, li jinkludi fond primarju, attivitajiet sekondarji u attivitajiet ta' koinvestiment relatati),

— GTCR hija ditta ta' ekwità privata ffukata fuq l-investiment f'kumpaniji li qed jikbru fl-industriji tas-Servizzi Finanzjarji u t-Teknoloġija, tal-Kura tas-Saħħa, tat-Teknoloġija, tal-Midja u t-Telekomunikazzjoni u tas-Servizzi tan-Negozju,

— Resonetics hija organizzazzjoni indipendenti ta' kuntratti tat-teknoloġija medika għall-iżvilupp u l-manifattura (CDMO) li tispeċjalizza fil-mikromanifattura kumplessa ta' komponenti, impjanti, subassemblaġġi, u apparati lesti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11445 – CARLYLE / GTCR / RESONETICS

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Postal address:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË